Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Busuttil]
[Spettur Stacey Attard]

vs

Kalid Mahmmud Ali

**Kumpilazzjoni Numru:** 96/2021

**Illum, wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Kalid Mahmmud Ali** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 9000385A akkuzat talli fis-27 ta' Dicembru

2020 bejn l-4:00 u l-5:00 ta' filghodu gewwa il-Marsa u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. **Ikkaguna att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' -Omissis-mwielda fit--Omissis-.**

   *Art. 207, 202 (f) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. **Aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ikkaguna lil -Omissis- mwielda fit--Omissis-, il-biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà taghha jew kontra l-persuni jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9.**

   *Art. 251B (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-

ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Dicembru, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 207 u 202 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata 21 ta' Ottubru 2024.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi xehed **<u>l-Ispettur Joseph Busuttil</u>** li pprezenta condom, rapport, kopja ta' permess ta' residenza, fedina penali, certifikat tat-twelid, dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali u stqarrija. Jghid li l-Pulizija tad-Distrett tal-Hamrun kienu ghaddejjin patrol

goz-zona tal-Marsa hdejn il-power station l-antika nnutaw vettura pparkjata mal-genb go dahla li ma tinfidx. Jghid ukoll li go din il-vettura kien hemm zewg (2) persuni u ghalhekk saret spezzjoni fuq din il-vettura sabiex jaraw jekk kienx hemm xi haga suspettuza liema vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni HLY-179. Jixhed li go din il-vettura kien hemm ragel u tfajla liema tfajla kienet minorenni u agitata hafna. Izid jghid li din l-istess tfajla infexxet tibki u stqarret li kienet harbet mid-dar gewwa l--Omissis- u li mxietha sal-Marsa fejn iltaqghet ma' vettura misjuqa mill-akkuzat. Ikompli jixhed li l-vittma minuri stqarret mieghu li dak il-hin rikbet fl-istess vettura u li l-akkuzat ipprosegwa biex jipprova jnehhilha l-coat, missilha sidirha kif ukoll koxxitha. Jghid li hi stqarret li dak il-hin bdiet tibki u ghalhekk l-akkuzat waqaf. Izid jghid li dak il-lejl kien hemm maltempata.

Ikompli jghid li l-akkuzat Kalid Mahmmud Ali gie arrestat u eskortat gewwa l-lock up tal-Pulizija gewwa l-Furjana fejn stqarr li kien ghen lill-vittma minuri billi titla' fil-vettura tieghu stante li kienet il-kesha. Jippreciza li l-akkuzat huwa taxi driver. Jixhed li l-akkuzat stqarr li hu kien ser iwassal lill-vittma minuri sad-destinazzjoni li xtaqet hi però hi ma kellhiex bizzejjed flus u ghalhekk offra li jwassalha lura d-dar ghal prezz imnaqqas. Jghid

li l-vittma minuri kienet bilqiegħda fuq quddiem minkejja li kien zmien il-COVID. Ikompli jixhed li l-akkuzat kompletament cahad l-allegazzjoni li hu mess lill-vittma minuri fil-parti privata taghha u nsista li kull m'ghamel kien li ghannaqha stante li kienet qieghda tibki u thassarha. Ikompli jixhed li l-akkuzat inghata police bail filwaqt li rega' kellem lill-vittma minuri fil-prezenza t'ommha sabiex jikkonferma mill-gdid il-verzjoni taghha. Jixhed li fuq il-persuna tal-akkuzat hu sab condom.

Inkontroezami jghid li omm il-vittma minuri kienet tatha punishment billi haditilha l-laptop u ghalhekk harbet mid-dar. Izid jghid li rigward dan gara li ommha dahlet fil-kamra taghha sabiex ticcekkja li kullimkien kien maghluq minhabba x-xita u sabet lil bintha tuza l-laptop. Jghid li l-omm irrabjat hafna ma' bintha u haditilha l-istess laptop. Jixhed ukoll li meta saqsa lill-vittma minuri dwar liema kienet ir-rotta li hadet biex waslet il-Marsa, hi semmiet li ghaddiet lejn ir-Rabat, imbaghad minn Ta' Qali, lejn il-Hamrun u mbaghad fl-ahhar il-Marsa. Jikkonferma li l-vittma minuri qaltlu li hi telqet mid-dar ghall-habta ta' nofsillejl. Izid jghid li l-vittma minuri ma eskalatx il-verzjoni taghha u li dejjem zammet mal-istess verzjoni.

Illi xehed <u>PC 1425 Adrian Ciappara</u> li jghid li meta gie l-akkuzat gewwa l-ufficini taghhom sabiex jaghmel stqarrija hu nghata d-dritt tal-Avukat izda huwa ghazel li jirrinunzja ghal tali dritt u ffirma d-dikjarazzjoni a fol. 9 tal-atti processwali. Jikkonferma wkoll il-firma tieghu fuq l-istess dokument esebit in atti. Jixhed li hu kien prezenti ghall-istqarrija.

Illi xehed <u>PS 276 Gregory Attard</u> li jghid li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena 2020 hu flimkien mal-kollega tieghu PC 1529 u PC 1009 kienu qeghdin jaghmlu ronda gewwa Triq Belt il-Hazna, il-Marsa meta ghall-habta tal-erbgha u ghoxrin ta' filghodu gewwa sqaq tal-istess triq raw vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni HLY-179 fejn innutaw il-dwal tal-breaks ta' wara mixghulin. Izid jghid li hu flimkien mal-kollegi wettqu spezzjoni fuq il-vettura fejn fin-naha tax-xufier inzertaw lill-akkuzat Kalid Mahmmud Ali bin-numru tal-identità 9000385M u meta gie mistoqsi x'kien qieghed jaghmel hu wiegeb li kien sejjer daqt. Jixhed li fl-istess hin il-kollegi tieghu marru jispezzjonaw in-naha tal-passiggier fejn inzertaw persuna femminili li kienet minorenni bl-isem ta' -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis-. Il-parte civile -Omissis- qaltilhom li l-akkuzat

kien qieghed imissilha sidirha minn fuq il-hwejjeg u li mnalla gew dak il-hin.

Ikompli jghid li meta saqsewha x'kienet qieghda taghmel hemmhekk wiegbet li hi kienet telqet mid-dar t'ommha u marret sar-Rabat fejn rikbet taxi li offrielha li jwassalha saz--Omissis- izda minflok marret sal-Marsa. Izid jghid li dak il-hin informa lill-akkuzat li kien qieghed taht arrest u nfurmah bid-drittijiet filwaqt li ttiehed lejn l-Ghassa tal-Hamrun. Jixhed ukoll li l-minuri -Omissis- dehret bezghana u fi stat imbikkma meta giet mitkellma u dan anke meta ttiehdet l-Ghassa sabiex jinfurmaw lil ommha. Jghid ukoll li omm il-parte civile ma kinitx taf li bintha kienet telqet mid-dar. Jixhed ukoll li l-parte civile kienet stqarret li l-akkuzat waqaf ghaliha biex iwassalha saz--Omissis- stante li l-vettura kienet wahda li toffri servizz tat-taxi u minflok marru saz--Omissis- spiccaw il-Marsa.

Inkontroezami jikkonferma li meta avvicinaw il-vettura kienu bil-karozza tal-Pulizija u bil-beacon lights mixghulin. Jikkonferma li r-rapport a fol. 2 tal-atti processwali kien maghmul minnu stess.

Illi xehed **<u>PC 1529 Malcolm Briffa</u>** li jghid li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Dicembru tas-sena 2020 kien qieghed iwettaq ronda mas-Surgent 276 u PC 1009 gewwa l-Marsa meta ghall-habta tal-erbgha u ghoxrin raw karozza bil-break lights mixghulin gewwa sqaq fi hdan Triq Belt il-Hazna, il-Marsa. Jghid li meta avvicinaw il-vettura s-Surgent kellem lix-xufier li nizel mill-karozza. Jghid li da parti tieghu hu resaq lejn in-naha tal-passiggier fejn sab tfajla bl-isem ta’ -Omissis- u li kienet tfajla minorenni. Jixhed li hu informa lis-Surgent b’dan u ghalhekk hu mar ikellimha. Il-vittma minuri stqarret mas-Surgent li hi xtaqet tmur iz--Omissis- u minflok ix-xufier hadha l-Marsa. Qaltlu wkoll li l-istess xufier u cioè l-akkuzat kien qieghed imissilha sidirha minn fuq il-flokk u xhin ra d-dwal tal-Pulizija waqaf.

Izid jghid li l-vittma minorenni kienet taht xokk tant li kellu jsaqsi diversi drabi ghad-dettalji taghha. Jixhed ukoll li filwaqt li l-vittma minuri ttiehdet l-Ghassa, l-akkuzat ittiehed gewwa r-Rapid Intervention Unit tal-Ghassa tal-Hamrun. Jghid li hu ma baqax l-Ghassa stante li temm ix-shift. Izid jghid li l-vittma minuri stqarret maghhom li kienet harbet mid-dar stante li kienet qieghda tibza’ minn ommha u missierha u ghalhekk imxiet sar-Rabat mid-dar taghha.

Illi xehdet il-vittma minuri **<u>-Omissis-</u>** li dak iz-zmien meta nqala' l-allegat incident kellha tlettax (13)-il sena u xehdet bis-sistema awdjo-viziva. Gie spjegat ukoll l-importanza li tghid il-verità kollha. Tghid li hi tghix gewwa l--Omissis- flimkien ma' ommha u ma' missierha tar-rispett. Izzid tghid ukoll li dakinhar li sehh l-allegat reat ma kienx hemm dizgwit id-dar u li hi xtaqet tmur iz--Omissis- sabiex tara lil huha u li dan kien ghall-habta ta' nofsillejl. Tghid ukoll li hi ma infurmat lil hadd sabiex tmur ghand huha. Tikkonferma li hi ma kinitx qalghet punishment il-lejl ta' qabel li sehh l-allegat reat. Tixhed li t-temp dak il-lejl kien temp tajjeb u li kienet liebsa coat  b'lewn beige kif ukoll xalla u leggings b'shorts minn fuq.

Tkompli tixhed li nizlet lejn il-pjazza tal--Omissis- u telghet it-triq it-twila faccata tal-knisja u minn hemm ghaddiet minn hdejn il-Pama sabiex waslet sal-petrol station. Izzid tghid li minn hemm telghet triq ohra ghal Hal Balzan u mbaghad ma kinitx certa lejn fejn giet. Izzid tghid ukoll li dak il-hin ma kellhiex flus fuqha u lanqas ma kellha idea ta' hin. Tghid li waqt li kienet miexja waqfet karozza hdejha u spjegat lis-sewwieq dwar x'garalha. Tixhed li s-sewwieq kien bniedem Malti u jkellimha bl-Ingliz u l-vettura tieghu kienet ta' lewn iswed. Tixhed li hu waqaf biex jistaqsiha jekk hux

kollox sew u hi wiegbet li xtaqet tmur ghand huha gewwa -Omissis-. Tixhed li din il-persuna wassalha sal-iskatepark tal-Msida u nizelt fuq il-bus stop. Izzid tghid ukoll li din il-persuna taha hames ewro (€5) jew ghaxar ewro (€10).

Tkompli tixhed li minn hemm hi qabdet triq li tinzel u dan minghajr ma qabdet tal-linja u dan ghaliex skont hi ma kellhiex flus u li tiddejjaq tirkeb tal-linja. Tghid li mill-iskatepark tal-Msida qabdet it-triq li taghti ghal isfel u fuq dan il-punt tammetti li nesiet l-ismijiet tat-toroq. Tixhed ukoll li kienet waslet sa tas-Sliema izda mbaghad ma tiftakarx il-kumplament. Izzid tghid li dak il-lejl ma ltaqghetx ma' Pulizija filwaqt li tghid li hi kienet ghamlet rapport l-ghassa stante li spiccat go karozza ikbar minn ta' qabel u tal-istess kulur u cioè sewda. Tixhed li dan sehh meta kienet il-Furjana meta hin minnhom ghadda sewwieq ta' din il-vettura u saqsieha x'kienet qieghda taghmel barra fil-bard. Tghid li regghet spjegat li xtaqet tmur -Omissis- u l-istess sewwieq ippromettiha li kien ser iwassalha -Omissis-. Izzid tghid li dan is-sewwieq kien jidher l-istess bhas-sewwieq ta' qabel.

Tixhed ukoll li wara li beda jsuq spiccaw quddiem cint li jaghti ghall-bahar fejn faccata taghhom kien hemm cruise liner.

Tippreciza li bhala lokalità ma tafx fejn kien dan stante li kien id-dlam. Tkompli tghid li ma tkellmu xejn bejniethom u li hi ma lissnitx kelma stante li kienet mahkuma bil-biza' filwaqt li kien il-bard. Tixhed li wara xi ftit is-sewwieq saqsiha kemm ghandha zmien u hi wiegbet li kellha tlettax (13)-il sena. Izzid tghid li wara ftit din il-persuna pprosegwa billi jnehhilha x-xalla u sahansitra anke beda jipprova jnehhilha l-buttuni tal-coat. Tghid li però hi waqqfitu stante li kienet qieghda thoss il-bard u ghalhekk regghet libset kollox.

Tghid ukoll li dak il-hin inzertaw vettura tal-pulizija fejn l-istess ufficjali tal-pulizija qalulhom biex jinzlu mill-karozza. Tghid li eventwalment ittiehdu f'karozzi separati lejn l-Ghassa tal-Hamrun fejn stqarret dak kollu li gara. Tippreciza li meta s-sewwieq li gabarha nehhilha x-xalla hi bezghet li kien ser imissha izda dan ma sehhx. Izzid tghid li dan is-sewwieq huwa fil-fatt l-akkuzat Kalid Mahmmud Ali.

Inkontroezami tixhed li dil-kwistjoni setghet bdiet wara li kienet inghatat punishment rigward il-laptop taghha personali u jista' jkun li kien ghalhekk li telqet mid-dar. Tixhed li din kienet l-ewwel darba li telqet mid-dar minghajr flus u b'zewg (2) basktijiet

mimlijin bil-hwejjeg taghha. Tixhed li hi konxja tad-distanza li hemm bejn il--Omissis- u -Omissis- u li hi fl-ebda hin ma kienet ir-Rabat minkejja li kienet stqarret hekk mal-Pulizija. Tixhed ukoll li ma tafx jekk l-akkuzat jahdimx bhala sewwieq tat-taxi. Izzid tghid li meta gew fuqha l-pulizija hi qaltilhom li l-akkuzat nehhilha x-xalla u pprova jnehhilha l-buttuni tal-coat. Tixhed ukoll li din il-verzjoni mhix wahda vvintata minhabba biza' minn xi riperkussjonijiet. Tixhed li ghar-rigward l-ewwel sewwieq li wassalha sal-Imsida ma tafx ghalfejn ma semmitux mal-pulizija.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tghid li qabel ma dahlet torqod kellha xi tghid mat-tifla taghha u cioè l-vittma minuri -Omissis-. Tghid li hin minnhom dahlet fil-kamra tas-sodda tat-tifla biex tghalqilha t-tieqa stante li kienet ix-xita u sabet lill-istess tifla ghadha mqajma ghal madwar l-ghaxra u nofs ta' billejl. Izzid tghid li eventwalment dahlet torqod meta rceviet telefonata li t-tifla taghha kienet qieghda l-ghassa tal-pulizija. Tghid li meta ma sabitx lit-tifla fis-sodda ppanikjat u marret tigborha mill-ghassa. Izzid tghid li skopriet li sabuha go karozza.

Tixhed li t-tifla qaltilha li kienet sejra ghand huha gewwa -Omissis- u kienet niezla t-triq meta xi hadd waqqafha u tellaghha

mieghu u hadha xi mkien hdejn il-bahar fejn kien hemm cruise liner. Tghid li l-vittma minuri qaltilha li dan ir-ragel qalilha biex tnehhi x-xalla mentri hi qaltlu li qieghda thoss il-bard. Tkompli tghid li dan ir-ragel kompla jifthilha l-buttuni tal-coat u kien hemmmhekk li hu waqaf. Ma tafx jekk it-tifla kinitx qaltlu kemm ghandha zmien. Tghid li din it-terza persuna kien mess sider it-tifla kif ukoll kuxxtejha minn fuq il-hwejjeg. Izzid tghid li t-tifla taghha pjuttost ikollha bzonn imbottatura sabiex titkellem u tiftah qalbha. Tixhed ukoll li bintha qaltilha li r-ragel li wettaq dawn ir-reati kien bniedem ta' karnaggjon skur u li jaf jitkellem bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz.

Inkontroezami hi tippreciza li hi tghix go penthouse u li meta bintha harget mid-dar ma kinitx ghalqet il-bieb ta' barra. Tikkonferma li l-vittma minuri kienet ippreparat zewg (2) basktijiet mimlijin b'kotba tal-qari. Tixhed ukoll li ma tafx jekk kinitx ftiehmet u rikbet karozza ohra qabel ma nzertat lill-imputat. Tkompli tghid li dakinhar bintha kellha mobile izda biex issegwi YouTube u mhux biex tikkomunika. Izzid tghid li x'gara ezatt ma tafx stante li ma kinitx hemmhekk. Tippreciza li kienu l-pulizija tal-ghassa li infurmawha bl-allegati reati u fil-fatt bintha qaltilha b'dawn ir-reati fil-karozza huma u sejrin lura d-dar.

Illi xehdet **Katya Vassallo** li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat immarkat bhala Dok. KV1.

Illi rega' xehed **l-Ispettur Joseph Busuttil** li pprezenta fotokopja tal-permess tar-residenza tal-imputat immarkat bhala Dok. JB8.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak*

*li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-imputat odjern jista' jigi misjub hati bir-reati addebitati lilu u dan ghaliex jirrizulta li jezistu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-Prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha 'l quddiem f'din is-sentenza tezamina xi provi cirkostanzjali ngabu tul dawn il-proceduri sabiex tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi dwar dan il-punt, il-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju*

*fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun.*

*Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi a rigward l-ewwel (1) akkuza, l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun

qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u il-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

> *"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness**.*
>
> *Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that*

*he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that***

***witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda taghha, l-istess minuri kienet inkonsistenti u dan kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

Illi qabel xejn, tul dawn il-proceduri, il-Qorti kienet u baqghet perplessa ghal dak li ghandu x'jaqsam ir-rotta li hadet il-minuri sabiex spiccat gewwa Triq Belt il-Hazna, il-Marsa. Il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispetter Joseph Busuttil a fol. 22 tal-atti processwali fejn iddeskriva rotta partikolari. A fol. 64 tal-atti processwali però rotta kompletament differenti ghall-ahhar giet deskritta mill-allegat vittma. Hawnhekk din il-Qorti digà qieghda tiddubita fil-veracità tal-verzjoni taghha.

Illi di più l-Qorti tinnota differenza bejn dak li gie rrappurtat mill-minuri a fol. 29 tal-atti processwali u dak li xehdet quddiem din il-Qorti. Fir-rapport li ghamlet hemm indikat dan li gej:

[1] Emfazi tal-Qorti

*"Meta surgent beda jkellem lil -Omissis- fil-presenza ta' PC 1529 u PC 1009, hija stqarret li xufier li kien qieghed maghha beda jmissa fuq sidira minn fuq il-hwejjeg u bdiet tikbi u tipprova twaqqfu minn dan l-ghagir."*

Illi min-naha l-ohra l-vittma minuri tghid hekk a fol. 73 tal-atti processwali:

*"Xhud: Erm nehhili x-xalla, dik li ghadtlek is-sufija.*

*Qorti: Ehe.*

*Xhud: U nehhijilhi. Minghalija teffaghha wara jew mal-genb ma nafx ezatt fejn ma stajtx nara. Umbad nehhilhi ftit buttuni mill-coat. U waqqaftu jien ghax qedtli li bdejt inhoss il-bard. U ma smajtux sew imma minghalijja kien qalli ok jew xi haga hekk."*

Illi z-zewg verzjonijiet moghtija mill-minuri aktar jixhtu dubju fuq il-kredibiltà u l-veracità ta' dak li gie allegat mill-istess -Omissis-

. Dan ghaliex hemm bahar jaqsam bejn dak li gie mnizzel fir-rapport u dak li xehdet il-parte civile fit-testimonjanza taghha.

Illi inkonsistenza ohra li harget fix-xhieda ta' -Omissis- hija r-raguni ghalfejn telqet mid-dar. Filwaqt li hi ssostni li xtaqet tmur tara lil huha -Omissis- minghajr istigazzjoni ta' xejn, ommha tpitter verzjoni kompletament differenti fix-xhieda taghha:

*"Xhud: Qabel ma dhalna norqdu kellna xi nghidu ezattament fuq xiex insejt ghax issa ilhu naqa pero` kellna xi nghidu u qedtila allahares jkun jaf id-daddy xi haga hekk ghax ir-ragel tieghi mhuwiex missierha pero` tghidlu d-daddy. Ehe kienet hadet il-mobile u r-ragel qalilha ma tistax tiehdu u hadithu bil-mohbi u qedtilha allahares jkun jaf id-daddy li ksirtlhu l-kelma tieghu fis-sens xismhu. U dak il-hin kont naqra irrabjata ghax kien tard u suppost kienet qieghda reiqda ghal xi raguni mort fil-kamra ma nafx ezatt ghalxiex kont mort. Umbad."*

Illi l-minuri kompletament tinjora dan l-avveniment. Il-Qorti tinsab perplessa kif il-parte civile tonqos milli tiftakar diversi dettalji li huma pjuttost partikolari u li sehhew fuq lejl verament partikolari u memorabbli fil-hajja taghha u li suppost skont hi ttrawmatizzaha. Ghalhekk il-Qorti qieghda tiddikjara li l-unika prova krucjali fil-kaz *de quo* u cioè l-verzjoni tal-minuri m'ghandhiex mis-sewwa u dan minkejja li l-Qorti kemm-il darba avzat lill-istess vittma minuri dwar l-importanza li tixhed il-verità[2].

Illi di più a rigward l-element mentali, mill-qari tal-atti hija l-fehma ta' din il-Qorti li ma giex ippruvat li l-imputat kellu il-*mens rea* sabiex jikkommetti dak li qieghed jigi allegat mill-prosekuzzjoni u cioè l-att sesswali fuq minorenni. Huwa principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Multo magis lanqas ma gie pruvat l-estremi necessarji tal-attentat ta' dan id-delitt u cioè dak kontemplat taht l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

[2] Ara Fol 81 u 82 tal-atti processwali.

*"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt* ***juri dan il-hsieb b'atti esterni***[3] *u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel, meta jinsab hati, barra minn meta l-ligi tghid espressament xort' ohra"*

Illi kwindi la x-xhieda tal-vittma minuri ma hijiex qed tigi meqjusa bhala kredibbli, allura jregi l-argument li l-att estern necessarju sabiex jigi applikat il-provvediment tal-Artikolu 41 huwa monk. Il-Qorti taghmel taghha dak li jghid ben tajjeb <u>il-Professur Sir Anthony Mamo</u> fin-noti tieghu meta jiddiskuti l-attentat ta' reat:

*"Every wilful crime has its first origin in the mind of the delinquent. But we have already seen that no man can be punished for his guilty purposes, save in so far as they have manifested themselves in overt acts which proclaim his guilt: "cogitatione poenam in foro nemo patitur".* ***The guilty mind by itself does not give rise to criminal liability. It is only when such guilty mind is manifested in external conduct that liability may begin.***[4]*"*

---

[3] Emfazi ta' din il-Qorti.

[4] Emfazi ta' din il-Qorti.

Dan qed jinghad ghaliex kull ma gie ppruvat fl-atti hu li nstabet din it-tfajla fil-karozza mal-akkuzat go post fil-Marsa izda meta nstabet mill-Pulizija dawn ma kienu qeghdin jaghmlu xejn hazin jew illegali. Di fatti referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn PS 276 Gregory Attard[5] u minn PC 1529 Malcolm Briffa[6] li jonqsu milli jikkonfermaw li l-akkuzat instab fil-karozza tali mod li kien qieghed jaghti bidu ghal xi "*atti esterni*" u dan bl-intendiment li jsehh xi tip ta' delitt.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-

[5] Fol 39 et sequitur tal-atti processwali
[6] Fol 46 et sequitur tal-atti processwali

raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis</u>** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[7] fejn gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

[7] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[8], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[9] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid*

[8] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

[9] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija ghar-rigward l-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi reat iehor li li gie akkuzat bih l-imputat huwa r-reat ta' fastidju kif mahsub fl-Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Persuna li l-imgieba taghha tikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-*

*axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, u tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u hames mitt euro (€6,500) u mhux izjed minn hmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien."*

Illi ghal darb'ohra din il-Qorti sejra tirrimarka illi ma tistax tqis ix-xhieda tal-minuri bhala wahda konsistenti. A rigward il-fatti tal-kaz, din il-Qorti thoss illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi ghaliex temmen li l-verzjoni tal-allegat vittma m'ghandux mis-sewwa.

Illi dan l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghal persuni li l-imgiba taghhom tkun wahda dubjuza. Fil-fatt fit-test Ingliz jintuzaw il-kliem "*whose course of conduct is in question*"; u ghalhekk imissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f'xi okkazjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li

dik l-imgiba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazjoni. Illi mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell hareg illi t-test li jrid jigi applikat hu wiehed oggettiv. (vide **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** dec. 18/06/2009 u **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** dec. 27/02/2009).

Fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Micallef** deciza fl-14 ta' Ottubru 2011, il-Qorti kienet irrimarkat is-segwenti a rigward l-elementi ta' dan ir-reat:

> *"Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b'riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B (1) tal-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setgħet qatt twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' lanqas zewg okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza flismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de*

*quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B (1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid- definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament taghti effett lit-*

*tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tieghu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikolu 251B (1) ghandha tikkonsisti f' mhux anqas minn zewg okkazjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazjoni wahda din il-Qorti sejra ghalhekk tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni."*

Illi anke jekk il-Qorti kellha taccetta l-verzjoni xejn kredibbli li tat il-vittma minuri fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Frar 2022 bhala l-verità, xorta wahda tali verzjoni ma jikkostitwix l-allegat reat li jinkludi mgieba li jqanqal biza' fuq iktar minn okkazjoni wahda. Ghalhekk din il-Qorti hija nieqsa minn tali informazzjoni oggettiva dwar l-imputat u ghalhekk ma tistax taghti gudizzju fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk l-Artikolu 251B ma jistax jigi applikat ghall-kaz *de quo* ghaliex l-elementi ta' dan ir-reat u cioè l-*course of conduct* ma gewx ippruvati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat **Kalid Mahmmud Ali** mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**